MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 534/1995/1

**Denise Borg**

**Vs**

**Christopher Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-partijiet ikkuntrattaw zwieg bir-rit religjuz fit-23 ta' April 1993 u dana skond Dok A u sussegwentement fir-Registru Pubbliku fil-15 ta' Gunju 1993 u dana skond Dok B;

Premess illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla minuri Lauran ta' sena u seba' xhur dana skond Dok C;

Premess illi l-kunsens ta' l-attrici ghal dan iz-zwieg kien vizjat u ma kienx hieles peress illi inkiseb bi pressjoni morali, familjari, socjali u biza' peress illi l-attirci nqabbdet tqila qabel iz-zwieg u peress illi hija giet mgeghla tizzewweg minhabba dan il-fatt;

Premess ukoll illi l-kunsens ta' l-attrici nkiseb ukoll bi vjolenza morali;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u dmirijiet taghha u b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa ma jikkontestax il-fatti allegati mill-attrici ghal dak li jirrigwarda l-aspett psikologiku minnha allegata fuqha inifisha, u ghalhekk jammetti t-talba li z-zwieg huwa null u bla effett;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Novembru 1997 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju Dr. Francesco Depasquale biex jigbor il-provi;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol. 54 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tat-2 ta’ Novembru 2001;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

It-talba attrici mahsuba biex tannulla z-zwieg taghha mal-konvenut hi mfassla fuq il-presuppost illi:-

(a) Il-kunsens taghha kien vizzjat minhabba pressjoni morali, familjari u socjali kombacjat mal-biza’ illi kienet harget gravida qabel iz-zwieg;

(b) Il-kunsens taghha kien vizzjat minhabba vjolenza morali;

(c) Il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, id-drittijiet u d-dmirijiet taghha, u b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Ir-rejalta guridika f'kawzi ta' din in-natura hi illi gjaladarba l-Att dwar iz-Zwieg iddivorzja ghal kollox il-process civili dwar l-annullament mill-process kanoniku, tant li l-ligi kanonika m'ghadx ghandha effett bhala parti mil-ligi ta' Malta (Artikolu 35 tal-Kap 255), allura '*civiliter*' iz-zwieg ukoll ghandu, u kellu, jigi konsidrat bhala kuntratt, anke jekk ta' natura partikolari. Dejjem pero` minghajr ma wiehed jiskarta ghal kollox l-insenjament tad-dritt kanoniku, li fuqu, f'certi aspetti hi modellata l-ligi fl-Att dwar iz-Zwieg. Ara f'dan is-sens decizjoni fl-ismijiet "**Josette Spiteri nee` Scicluna -vs- George Spiteri**", Appell, 9 ta' Frar, 2001;

Dan stabbilit, skond il-ligi civili taghna biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li din tahkem fuq persuna ragjonevoli u ggeghlha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqeghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira (Artikolu 978 (1) Kodici Civili). Fi kliem iehor il-"pressjoni" jew vjolenza" - hekk ekwipollenti ghal xulxin gjaladarba jista' jkollok vjolenza meta jkun hemm pressjoni gravi u ndebita ("**Emanuel Falzon -vs- Anthony Farrugia**" Appell, 21 ta' April 1997) - hemm bzonn li jkunu determinanti, ingusti u gravi. Fil-valutazzjoni, imbaghad, tal-kriterji tal-vjolenza ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni l-eta`, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna (Artikolu 978(2));

Tibqa' dejjem pero` fil-prudenza tal-gudikant fuq il-provi akkwiziti, l-indagini tal-fatt dwar l-ezistenza, o meno, tal-vjolenza ("**Rosario Bartolo -vs- Giovanni Bartolo**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Novembru 1935);

Ri-epilogu breve tal-provi hu kif gej:-

(1) L-attrici tghid li hi harget tqila meta kellha 16-il sena u dan zmien erba' xhur fuq li kienet tiffrekwenta lill-konvenut;

(2) Ir-rejazzjoni ta' ommha ghall-ahbar kienet ta' biki u ghajjat filwaqt li missierha baqa' xxukkjjat;

(3) Sostniet li dahlet ghaz-zwieg allavolja ma kinitx thobb lill-konvenut. Dan ghamlitu ghax fi kliemha "ma ridtx naghmel aktar problemi lil familja tieghi", u kienet qed tisthi hafna minnhom. Accennat ukoll ghal fatt illi omm il-konvenut kienet qed taghmel pressjoni fuqha biex jizzewgu, u li kienet bezghana minn ommha ghax '*strict'*;

(4) L-attrici stqarret ukoll illi kieku setghet tabortixxi ma kinitx tizzewweg. Iddeponiet ukoll ili kellha l-hsieb li jkollha t-tarbija u ma tizzewwigx. B'danakollu irragunat illi ma riditx toqghod id-dar bit-tarbija u tikkreja problemi lil familja taghha;

(5) Apparti dan l-aspett, fil-bosta seduti li fihom xehdet l-attrici, hi tati kwadru ta' l-istat konfuz taghha fil-kors tal-preparattivi ghat-tieg, waqt ic-cerimonja tat-tieg u fil-perjodu post-nuzzjali;

(6) Xi ftit jew wisq ix-xhieda l-ohra ta' l-attrici u d-deposizzjoni tal-konvenut jikkoroboraw l-verzjoni dettaljata fornita mill-attrici;

(7) Is-separazzjoni bejn il-koppja sehhet f'anqas minn sena miz-zwieg;

Din il-Qorti ghalkemm f'certu aspett tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali fejn ipprovda li z-zwieg ghandu jigi annullat ma taqbilx ghal kollox mal-konsiderandi tieghu, li del resto huma nieqsa minn motivazzjonijiet serji, kif hekk, invece, kellu jimmerita kaz bhal dak hawn trattat;

Ghal finijiet kemm prattici kif ukoll guridici l-ewwel zewg impunjazzjonijiet fl-att tac-citazzjoni, dedotti mill-attrici fil-konfront tal-kuntratt nuzzjali taghha, ser jigu konsiderati flimkien;

Kif gja inghad aktar 'il fuq, hemm il-vjolenza jew pressjoni li tivvizzja l-kunsens meta dawn jirriflettu u jinfluwixxu fuq il-kondizzjoni mentali tal-persuna tant li din ma tkunx libera li taghzel u taghmel dak li tixtieq, u biex tevita l-minaccja ta' dannu gravi, kif fit-test tal-ligi specifikat, taghzel u taghmel dak li jiddetalha jew jrid haddiehor;

Id-decizjoni fl-ismijiet "**Giuseppe Tirchett et -vs- Giorgio Mangion**" Appell, 22 ta' Mejju 1931, tirritjeni pero` li ghandha tintuza cirkospezzjoni billi ma jigix facilment annullat att li invece jisthoqqlu jibqa' fis-sehh. Fiha, infatti, gie hekk insenjat:-

"*Da tale stato si deve ben discernere l'animo di colui che, pur divisando di fare una data operazione, viene spinto o persuaso a fare altra diversa al fine di accontentare chi lo persuade, come quando trattasi di coniugi: l'uno delle volte, pur desiderando di fare una cosa, sceglie l'altra per assecondare la volonta` dell' altro coniuge. Quell' atto*

*sarebbe liberamente voluto da chi l'avesse compiuto. Ne` vale il dire da parte di chi l'avesse cosi eseguito, che cio compi` contro la propria volonta`, poiche egli in qual momento fu libero di scegliere quell' atto od uno diverso, ma solo scelse quello per contentare, come nel caso la moglie, o per vivere in pace e non avere dei contrasti con lei."*

Dan il-hsieb jaddatta ruhu sew ghal kaz partikolari. Il-kondizzjoni mentali ta' l-attrici, anke jekk hu accettat illi kienet ghadha ta' eta` zghira (16-il sena) ma gietx minsusa b'xi impressjoni "*del grave male minacciato"* li del resto kellu jkun ukoll notevoli, "*cio` tale da essero grave lesione dell' integrita fisica e quella morale*" (**Kollazz XXIX P II p 749; XXXIII P II p 431**), "*ingiusta ed illegittima*" (**Vol. XXVIII P III p 878**);

Il-fatt li l-attrici ghazlet volutament li tghaddi ghaz-zwieg biex tikkuntenta lil genituri taghha u dawk ta' zewgha ma jammontawx, lanqas remotament, ghal vjolenza. Lanqas il-biza' reverenzjali versu l-genituri ma jservi biex jannulla l-kuntratt jekk ebda vjolenza ma tkun giet uzata. Hekk jipprovdi l-Artikolu 980 Kodici Civili. Il-biza' trid tkun certa, gravi u realistika, dak li ma jirrizultax li hu hekk fil-kaz *de quo*;

Ezaminata imbaghad il-kawza entro l-parametri tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 il-kumpless tal-provi jimmanifesta sintomi qawwija bizzejjed ghal konvinciment illi l-attrici ma kinitx preparata ghaz-zwieg, wisq anqas matura (u dan ighodd ukoll ghall-konvenut mil-imgieba tieghu qabel u wara z-zwieg) u fi stat li jkollha dik id-diskrezzjoni u gudizzju ghaqli fuq il-hajja mizzewga u d-doveri essenzjali taghha. Il-fatt li z-zwieg falla ghal kollox wara perkors ta' ftit xhur ghandu forsi jibbasta biex jikkonsolida l-fehma illi zwieg bhal dan, mhux mibni fuq l-imhabba u preparazzjoni soda, izda fuq il-fragilita` tal-mument, kien destinat li jitkisser. Dan hu tant evidenti minn qari anke superficjali tal-provi. L-approfondiment taghhom, imbaghad, ghandu jwassal fil-konkret ghall-unika triq possibbli u cioe` li z-zwieg bejn il-kontendenti jigi dikjarat null.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi takkolji d-domanda attrici u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti bhala null u bla effett legali u dan ghar-raguni prevvista mill-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenut.

(ft) Philip Sciberras

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur